# DIK QABDA ĦUT!

Ix-xemx kienet għebet wara l-Għolja Tal-Marnisi l-kajik ta' Luqa hemm hu varat, inċanat. Peppi u Indrì bdew itallgħu wieħed wieħed il-konzijiet tal-lampuki. Meta hejjew kollox, Peppi li kien għadu kemm kiel mar ħa nofs u Indrì b'żewġ bombli f'idejh mar jimliehom mill-għajn. Missierhom Luqa qabad il-ġewlaq bil-ħobż u ġbintejn nexfin u dollieghа sabiħa u mar ġol-kajik. Għalkemm is-sema kaħlani kien bla sħab, il-qamar imdellel ma kienx iħabbar tjieb. It-tlieta min-nies wara li qalgħu ftit il-barra mix-xatt, qasstu r-Rużarju bħalma kienet id-drawwa tagħhom u mbagħad għamlu t-tinda u raqdu.

Ma' tul il-lejl iż-żiffa li kienet tfewweġ ħilgħaxija bdiet titqawwa ġmielha. Luqa f'xi s-siegħa stembaħ. Malli sema' r-riħ beda jitħasseb. Kien ilu ġimgħa l-baħar imċaqlaq u billi kien sbieħ is Sibt ma riedx li kieku tgħaddi l-ġimgħa mingħajr ma jaqilgħu ħaqq ratal ħobż. Beda jxerraħ il-lixka tal-klamari li kien xtara minn għand silfu Lizju xegħel il-musbiħ qiegħdu fl-imnara u qajjem lil uliedu. Staqsihom x'jidhrilhom mit-temp, Indrì ż-żgħir qal li maltemp għalihom f'daqsxejn ta' kajik, Peppi li kien beda jaħseb ta'raġel, ried li kieku dak il-jum ma jintilefx mal-oħrajn. Qabeż qal lil missieru biex jaqdfu l-barra u mbagħad jaraw; jekk ir-riħ iżid, jerġgħu l-ura. Għammru l-imqadef u bdew jaqdfu l-barra: iż-żewġt itfal jaqdfu, u l-missier jilliska fid-dawl tal-musbieħ taħt il-poppa.

Is-sħab beda jfeġġ u jikber iżjed ma jogħla. Ir-riħ baqa' jżid fil-waqt li t-tfal kienu għadhom jaqdfu u l-missier temm konz u beda l-ieħor. Il-baħar kien imqanqal ġmielu u aktar ma iżid ir-riħ aktar jitqanqal. Kien għoddu sebaħ, l-art ma baqgħux jarawha. It-tifel iż-żgħir, qalbu ttaqtaq, sejjer jaqdef kemm jiflaħ għalkemm kulltant beda jitfa ħarsa waħda lejn iċ-ċluni li kienu b'ħeffa qawwija għaddejjin minn fuqhom, oħra lejn il-baħar li kemm joħorġu l-barra iktar kien jidher ikraħ u jbeżżagħ. Imma ma kellux ħila jitniffes. Il-missier x'ħin temm, qam bil-wieqfa ta' daqqa ta' għajn ma' dwaru u qal lil uliedu li aħjar jerġgħu l'ura għax it-temp xejn ma kien jogħġbu u ħażin għalihom jekk ir-riħ jiġi riħ barra. Indrì ħa r-ruħ. Immi Peppi qallu: Tridx inkalaw konz wieħed biss? xejn xejn kemm insaffuh u mbagħad narbulaw, bir-riħ li hu malajr naslu ġewwa. Il-missier minnufih reħa t-tarf u brazzol wara ieħor, kala l-konz kollu.

Ir-riħ żdied, is-sema tgħatta collu bi sħab sewdieni u talbiża'. Għasieleġ tan-nar iżiġġu minn tarf għall-ieħor tas-sema bdew ikabbru d-dalma li kienet waqgħet. Ix-xita bdiet nieżla qawwija l-baħar beda jikber u jogħla. Iċ-ċokon tal-kajik żied il-biża' tal-kobor u tas-setgħa tal-baħar. Il-missier beda jarfa',

waqt li ż-żewġt itfal ma setgħux iżommu biż-żewġ. Kien għadu kemm refa xi għoxrin sunnara meta r-riħ li kien waqa bis-sħiħ, ġie riħ barra. Il-baħar kiber u t-tlieta min-nies qatgħu qalbom li jiġbru l-għodod li kellhom il-baħar. Il-misser qata malajr il-konz u arbula iċ-ċillikka. Il-missier kien fit-tmun moħħu f'xi ħalla ta' baħar li ma tordomhomx; Indrì bil-kemm seta' jżomm l-iskotta waqt li Peppi q'ed igħinha bil-mod. Fuq it-tlieta min-nies waqa l-ikbar skiet, skiet li dak il-ħin kien ifisser biża' ta' dak li kellu jiġrilhom. Kull tant kien jinstemagħ l-missier ipespes xi Ave Marija, waqt li miblugħ fih in-nifsu beda jati daqqa ta' għajn issa lejn il-baħar tal-biża' li minn ħin għall-ieħor kien sa jiblagħhom issa lejn it-tfal, iż-żgħir jolfoq u jterter bil-bard (billi ħwejġu kienu kollha imxarrba) il-kbir ħosbien, għajnejh mgħammda bid-dmuħ. F'ħin bla waqt, ħalla ta' baħar tati tidwira lil kajik u timlieh sa nofsu. It-tlieta min-nies kollha mbeżżgħa, għall-ewwel ħarsu lejn xulxin Indrì qabad ma' missieru li kollu mriegħed beda jgħajjat kemm jiflaħ lill-"Erwieħ ta' San Girgor" biex jeħilsuhom. Peppi mitluf minnu n-nifsu beda jgħajjat lil ommu bħal miġnun. Wara li ġie f'sessieh Peppi beda jerfa u jarmi l-ilma li kien daħlilhom. Għadda xi ftit taż-żmien u t-tlieta kienu siekta, meta Indrì f'ħin bla waqt, imqabbad ma' missieru beda jgħajjat: Ġejja missier, ara x'ħalla ġejja, missier! missier!...'

Peppi bil-kemm kellu ħin jingħaqad magħhom meta l-ħalla radmithom b'kollox...

Il-mewġa ta' biża' tkissret u tferxet fuq il-fdal, ferħana bir-rebħ fuq l-imsejknin sajjieda. F'wiċċ il-baħar ma kienx jidher ħlief id-dahar sewdieni tal-kajik f'nofs qiegħa rgħawa waqt li l-aħħar tnehida tal-missier "Erwieħ! Erwieħ! għinuna... kienet għadha tidwi mar-riħ.

C. Grech.